MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2003/2004

**Atlas Insurance Limited kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Lawrence Coppini u l-istess Lawrence Coppini f'ismu proprju**

**Vs**

**Johanna Grech**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm363.80c (tlett mija u tlieta u sittin lira Maltin u tmenin centezmu) rapprezentanti danni mhallsa mis-socjeta' attrici fuq vettura LCB 374 assikurata *comprehensive* u ghal liema somma s-socjeta' attrici tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Lawrence

Coppini u dan b'rizultat ta' habta li grat fit-12 ta' Mejju 2004 go San Gwann, meta waqt li l-konvenuta kien qieghda ssuq il-vettura IBD 034 habtet mal-vettura LCB 374 ta' Lawrence Coppini u misjuqa minnu u ghal liema ncident il-konvenuta kienet unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Legali tas-27 ta' Mejju 2004, u ta' l-Ittra Ufficjali tad-29 ta' Settembru 2004, u bl-imghax tat-8% (tmienja fil-mija) fuq Lm363.80c (tlett mija u tlieta u sittin lira Maltin u tmenin centezmu) mid-29 ta' Settembru 2004, sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez ta' l-Ittra Ufficjali tas-27 t'Ottubru 2004, rikjesta mil-ligi, kontra Montaldo Insurance Agency Limited, assiguraturi tal-konvenuta, u Lm15 (hmistax-il lira Maltin) konsult, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr Renato Cefai jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;
Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------